MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 916/2009

**GO p.l.c. – C-22334**

**vs**

**Helena Bonello**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie prezentat fit-30 ta' Ottubru tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u sitta u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€666.75c) rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21336475 u dak ukoll tat-televixin bin-numru 1425044894 u dana kif jirrizulta minn dokument anness ma' dan l-avviz immarkat Dok A. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-ahhar pagament u cioe` fis-26 ta' Frar, 2008 kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra illi fis-seduta tal-4 ta' Dicembru, 2009, il-konvenuta Helena Bonello dehret personalment u kkonfermat li l-ammont mitlub f'din il-kawza kien fil-fatt dovut lis-socjeta' attrici u kienet ghadha ma hallsitx l-istess ammont peress illi s-socjeta' attrici kienet qed tirrifjuta li dawn jithallsu b'mod ratejali. Ra wkoll illi l-kawza thalliet ghas-seduta tal-lum sabiex il-partijiet jirregolaw ruhhom fuq din is-sitwazzjoni. Gie notat ukoll u dana kif jidher mill-verbal ossia mid-dikjarazzjoni maghmula mill-avukat Dottor Keith Grech illi s-sitwazzjoni bejn il-partijiet ma gietx mibdula mill-ahhar seduta tal-4 ta' Dicembru, 2009. Ra wkoll illi fis-seduta tal-lum il-konvenuta naqset li tidher quddiem dan l-istess Tribunal ghalkemm imsejha diversi drabi.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ammissjoni tal-istess konvenuta, qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuta Helena Bonello sabiex thallas lis-socjeta' attrici is-somma mitluba ta' sitt mija u sitta u sittin ewro u hamsa u sebghin centezmu (€666.75c). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mis-26 ta' Frar, 2008, u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------